**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR SIMONE GRECH**

**Kumpilazzjoni numru 24/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Dr Manuel Grech)**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**Vs**

**Mahmood Abd Algani**
**Mohammad Al Mahmoud**

**Illum, 21 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet imressqa kontra Mahmood Abd Algani ta' 29 sena, imwieled ġewwa s-Syria, nhar il-1 ta' Jannar 1995, residenti ġewwa 234, Triq F.S.Caruana, Birkirkara, Malta u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 149721A u kontra Mohammad Al Mahmoud ta' 37 sena, imwieled ġewwa s-Syria, nhar il-1 ta' Jannar 1987, residenti ġewwa 2, St.Gerald, Fl4, Triq Bordin,Pieta, Malta u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0378357A, li permezz taghhom gew akkuzati talli:

> *"F'xi ħin bejn l-għaxra (22:00pm) ta' filgħaxija u l-erbgħa (04:00am) ta' filgħodu tal-lejl bejn it-tnax (12) ta' Ġunju 2024 u t-tlettax (13) ta' Ġunju 2024 ġewwa Triq il-Latini, Għajnsielem, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:*

*1. Volontarjament taw in-nar lill-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni HAZ199 tal-għamla Isuzu ELF, u HAZ200 tal-għamla Hino Dutro, meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, u dawn il-vetturi kienu qegħdin b'mod li ma tistax tqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, liem sar għad-detriment ta' Hazem Muashi u/jew ta' persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 318 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volotarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u l-ammont tal-ħsara kienet iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), liem sar għad-detriment ta' Hazem Muashi u/jew ta' persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi involontarjament għamlu ħsara b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, u kkaġunaw xi ħsara jew ħassru jew għarqu xi ħaġa, u cioe' l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUB312 tal-għamla Mitsubishi L200, u dan għad-dannu ta' Ritienne Vella, u bi ksur tal-Artikolu 328 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-lejl, kisru il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' HAZEM MUASHIu/jew il-familjari tiegħu billi jekk jidhrilha li huwa*

*xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;*

*Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tordna il-konfiska tal-corpus delicti, u ta' dawk l-istrumenti kollha użati jew maħsuba li jiġu użati fil-kommissjoni ta' kwalunkwe reat u ta' dak kollu li ġie miksub minn tali reat, inkluż l-armi u/jew għodda u/jew vettura li ġew użati jew li setgħu ġew użati fil-kors ta' tali reat.*

*F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;*

*F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;*

*F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.*"

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti;

**Semgħet** l-ammissjoni tal-imputati liema ammissjoni reġgħet ġiet ikkonfermata minnhom entrambi wara li ngħataw żmien raġjonevoli biex jirrikondisraw u wara li ġie spjegat lilhom il-konsewgenza legali li ġġorr magħha tali ammissjoni;

**Semghet** xhieda dwar il-kwantum tad-danni kkaġunati;

**Semghet** trattazzjoni finali dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni daparti tal-imputati, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li ssib lill-imputati ħtija tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront taghhom.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputati li hija waħda nadifa, kif ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputati. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li piena karċerarja mhijiex dik idonea iżda għandha tingħata piena sospiża kif ukoll ordni li jithallsu mill-istess imputati d-danni sofferti mill-vittmi.

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi u in vista tal-ammissjoni tal-imputati, wara li rat l-artikolu 318, 325(1)(a), 328(d), 338(m), 338(dd), 382A, u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputati Mahmood Abd Algani u Mohammad Al Mahmoud ħatja tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tagħhom u qiegħda tikkundannahom għall-piena ta' sentejn priġunerija, iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok li tingħata sentenza sospiża a tenur tal- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn (2) priġunerija għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.**

**A tenur tal-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tagħhom taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommettu matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Il-Qorti wara li rat l-artikolu 532A tal-Kap. 9 u b'applikazzjoni ta' dak li jistipula l-istess artikolu li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Kap. 446 qegħda tikkundanna lill-imputati sabiex iħallsu lill-parte civile Hazem**

**Muashi l-ammont totali ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000) rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Muashi in konnessjoni ma' dan il-każ kif ukoll sabiex iħallsu lil Ritienne Vella l-ammont totali ta' elf, ħames mija u ħmistax-il ewro u erbgħin ċenteżmi (€1,515.40ċ) rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Vella in konnessjoni ma' dan il-każ. Din l-ordni li qed tingħata għandha titqies bħallikieku kienet ordni mogħtija minn Qorti Ċivili kompetenti u għalhekk għandha jkollha effett ta' titolu eżekuttiv u tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħatja u l-vittmi.**

**In oltre, il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-corpus delicti li ntuża waqt il-kommissjoni ta' dan id-delitt.**

**Fl-aħħar nett il-Qorti qed tordna l-ħruġ ta' ordni ta' trażżin ai termini ta' l-artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ordni ta' trażżin hija kontenuta fid-digriet mogħti llum stess u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li dawn l-atti kollha flimkien ma' din is-sentenza għandhom jiġu transmessi lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-liġi fiż-żmien stipulat fil-liġi.**

(ft.) Dr Simone Grech
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur